# KAPPELLI U KNEJJES ŻGĦAR FIL-MOSTA (1)
# Il-Knisja tal-Madonna ta' l-Isperanza

*Tony Terribile*

Meta din is-sena ġejt mitlub biex nikteb f'dan il-programm, jiena wrejt ix-xewqa li nibda nikteb serje ta' kitbiet, waħda kull sena, dwar il-kappelli u knejjes żgħar li nsibu fil-Mosta.

Xtaqt li nibda b'waħda tal-Madonna. Għażilt dik tal-Madonna ta' l-Isperanza, "bl-isperanza" li dawn il-ktibiet jnisslu fil-Mostin aktar imħabba lejn dawn il-knejjes żgħar li qegħdin jiffurmaw parti sabiħa mill-ambjent tal-Mosta.

Il-knisja tal-Madonna ta' l-Isperanza qatt ma kont dħalt fiha. Kont nafha biss mill-kotba u mir-ritratti. Għalhekk qabel ma ktibt fuqha ħassejt li għandi nidħol fiha.

Ġużeppi Gauci, li tant jieħu ħsiebha flimkien ma' oħtu, wassalni fiha. Bla dubju ta' xejn il-kappella tinsab f'inħawi tant pittoreski. Fuq ix-xellug tagħha jgħaddi l-wied li ħa ismu minn din il-kappella, "Il-Wied ta' l-Isperanza".



*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*L-Istatwa tal-Madonna ta' l-Isperanza li tinsab fl-Għar li għandu devozzjoni Marjana antika.*

Ġrajjiet din il-knisja jibdew mill-għar li jinsab taħt din il-knisja, li fuqu tidher in-niċċa ta' San Mikiel Arkanġlu. Dan il-għar wieħed jinżel għalih minn fuq iz-zuntier ta' din il-knisja. Fil-għar, imżejjen bil-qsari, naraw statwa ta' tfajla għarkubbtejha biex tfakkarna fit-tfajla li magħha hi marbuta storja li tgħid li tfajla, waqt l-attakk tat-Torok

fil-kampanja, staħbiet f'dan il-għar u għamlet wegħda li, jekk ma tiġix maqbuda, tibni knisja fuq dan il-għar.

Meta fl-1575 Monsinjur Dusina żar dawn l-inħawi, l-għar kien diġà post ta' qima Marjana. F'dan l-ambjent hekk sabiħ ix-xbieha tal-Madonna u ta' din it-tfajla jfakkruk mill-ġdid fl-istorja ħelwa, li ġrat fis-seklu tmintax.

Il-knisja li naraw illum bdiet tinbena għall-ħabta tal-1757. Kemm hu hekk fil-prospettiva ta' fuq il-kwadru naraw impittra s-sena 1760.

Il-knisja għandha għamla ottagonali għax il-koppla sabiħa tagħha hi mibnija fuq tmien ħitan.

Il-prospettiva sabiħa tal-faċċata hi mżejna b'ħafna skultura. Tiddomina fuq il-kwadru hemm ix-xbieha ta' l-Ispirtu s-Santu mdawwar b'numru ta' anġli. Din il-prospettiva hi wkoll imżejna bi skultura ta' weraq, mazzettuni u disinji oħra, li, magħquda flimkien, qed jagħmlu prospettiva tabilħaqq eleganti fid-disinn u x-xogħol li fiha.

Fin-nofs ta' dan il-kumpless hekk sabiħ ta' skultura jiddomina l-kwadru sabiħ tal-Madonna ta' l-isperanza. Hu xogħol sabiħ tal-pittur Malti Rokku Buhagiar.

Tiegħu wkoll huma ż-żewġ kwadri tal-ġnub li fihom naraw lil San Pietru u lil San Pawl.

Mal-pilastri naraw il-kwadri ta' l-erba' evanġelisti.



*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*Il-prospettiva u l-altar ewlieni tal-Knisja ta' l-Isperanza fil-Mosta.*

Din il-knisja kienet minn dejjem iċ-ċentru tat-tama ta' bosta pellegrini, li,

magħquda flimkien f'pellegrinaġġ, kienu spiss jinviżtaw din il-knisja. Fis-sagristija għalhekk wieħed jista' jara xi wegħdi mogħtija bħala tifkira u fost dawn insibu wkoll kwadru żgħir *Ex Voto*.



*(Ritratt: Ruben Chetcuti)*
*Il-kwadru Ex Voto li jġib id-data 1754.*

Fis-sagristija wieħed jista' jammira wkoll l-istatwa tal-Madonna ta' l-Isperanza magħmula minn Ġlormu Dingli u kwadru kbir tal-Madonna mpitter minn Rafel Bonnici Calì.

Il-faċċata ta' din il-knisja nistgħu ngħidu li hi wkoll oriġinali għax il-bieb li jagħti għas-sagristija qed jifforma parti minn din il-faċċata, kemm hu hekk, fil-għoli fuq il-bieb tas-sagristija naraw il-kampnar ta' din il-knisja, filwaqt li fl-istess livell, fuq il-bieb tal-knisja naraw il-frontispizju. Wara l-frontispizju hemm dehra sabiħa tal-koppla ta' din il-knisja.

Fuq il-bieb tal-knisja wieħed josserva żewġ armi tal-ġebel u wkoll tliet niċeċ li fihom l-istatwi tal-Madonna, ta' San Ġużepp u ta' Sant'Antnin.

L-armi huma tal-Madonna u ta' l-Isqof Rull, li fi żmienu nbniet din il-knisja.

Fuq kull naħa ta' dan il-bieb wieħed jista' jara tieqa. Dawn kellhom skop biex, meta l-knisja tkun magħluqa, in-nies ikunu jistgħu xorta jieqfu u jitolbu waqt li jaraw ix-xbieha tal-Madonna.



*(Ritratt: Anthony Camilleri)*
*Il-faċċata tal-Knisja tal-Madonna ta' l-Isperanza li nbniet fis-seklu tmintax.*

Bla dubju din il-knisja, li din is-sena żorna flimkien, hi knisja marbuta ma' qalb il-Mostin. Hekk kienet fl-imgħoddi. Xhieda ta' dan huma l-viżti pastorali ta' l-Isqfijiet, li kull meta żaruha, dejjem sabuha fi stat tajjeb. Hekk għadha sallum u persważ li tibqa' hekk għax il-knisja tal-Madonna ta' l-Isperanza għandha post speċjali fi qlub il-Mostin kollha.